**26 ta' Novembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Francis Aquilina

**Sentenza — Nullità — Appell — Akkwijexxenza — Eżekuzzjoni tas-Sentenza — Art. 440 (3) Kap. 12.**

*Sentenza tal-Maġistrat li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet l-imputat ħati hija nulla. Jekk il-kawża tiġi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullità ta' dik is-sentenza u tordna t-trattazzjoni mill-ġdid tal-kawża quddiemha stess.*

*Il-fatt li l-imputat ikun ħallas il-multa lilu nflitta b'dik is-sentenza ma hux ta' ostakolu għall-appell; għaliex mhix konċepibbli ġuridikament akkwijexxenza għal sentenza nulla.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli fil-Marfa, fit-8 ta' Settembru 1960, f'xi s-7 p.m., waqt li kien isuq il-garage hire M/Car nru. 5536, għabba numru ta' passiġġieri aktar milli għandu stabbilit fil-liċenza, u għaldaqstant ma kienx kopert bil-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ord. XXXVI tal-1939, u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat milli jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar skond l-art. 3(2) tal-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Ottubru 1960, li d-dispożittiv tagħha hu konċepit hekk:— "Tikkundannah £5 multa u sospensjoni tal-liċenzja għal żmien tnax il-xahar mil-lum";

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella, u talab li jiġi liberat, prevja r-revoka, jew prevju l-annullament, tas-sentenza fuq msemmija;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tad-difiża li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla;

Fis-sentenza appellata ma hemmx id-dikjarazzjoni ta' liema fatti l-Ewwel Qorti sabet l-imputat ħati, kuntrarjament għad-dispost tal-art. 394 Kap. 12; liema ommissjoni ġġib, skond il-liġi u l-ġurisprudenza kostanti, in-nullità tas-sentenza;

Illi l-fatt li l-imputat ħallas il-piena (ara verbal fol. 4) ma hux ta' ostakolu għall-appell; għaliex mhix konċepibbli ġuridikament akkwijexxenza għal sentenza nulla (Vol. XXX-IV-614);

Għalhekk din il-Qorti takkolji l-eċċezzjoni tad-difiża, tiddikjara nulla, u fil-fatt tannulla, is-sentenza fuq imsemmija, u konformement għad-dispost tal-art. 440(3) Kap. 12 tordna t-trattazzjoni mill-ġdid tal-kawża quddiem din il-Qorti.